

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-62/14)

(2014/C 361/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Servizz pubbliku – Talba għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tawtorizzax lir-rikorrent għall-eżamijiet ta' traduzzjoni – Kompetizzjoni EPSO/AD/263/13 għall-kostituzzjoni ta' riżerva ta' reklutaġġ ta' tradutturi tal-lingwa Taljana.

#### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tad-19/11/2013 li ma tawtorizzax lir-rikorrent għall-eżamijiet ta' traduzzjoni;
- jannulla jekk meħtieġ id-deċiżjoni tas-27/3/2014 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

### Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-64/14)

(2014/C 361/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Servizz pubbliku – Talba għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tawtorizzax lir-rikorrent għall-eżamijiet ta' traduzzjoni tal-kompetizzjoni EPSO/AD/263/13 għall-kostituzzjoni ta' riżerva ta' reklutaġġ ta' tradutturi tal-lingwa Taljana.

#### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tad-19/11/2013 li ma tawtorizzax lir-rikorrent għall-eżamijiet ta' traduzzjoni;

- jannulla jekk meħtieġ id-deċiżjoni tat-2/4/2014 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-66/14)**

(2014/C 361/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Servizz pubbliku – Talba għal dikjarazzjoni li l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni (DĠI) tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, tat-3 ta' Marzu 2011, huwa illegali u inapplikabbli, u għall-annullament tad-deċiżjoni rigward it-trasferiment ta' drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrenti fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni li tapplika dawn id-DGI ġodda.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tiddikjara li l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa illegali u, għaldaqstant, inapplikabbli;
  - tannulla d-deċiżjoni tal-4 ta' Ottubru 2013 li żżid id-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrenti qabel id-dħul tagħha fis-servizz, fil-kuntest tat-trasferiment ta' dawn id-drittijiet fl-iskema tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;
  - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
-